KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

14 t'April 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-laqgha straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar it-Tnejn 9 ta' April 2012 fis-6.30pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

Il-Laqgha giet maqbula mill-Kunsilliera Matthew Paris, Davina Sammut Hili, Vincent Borg, Nigel Holland

1. Ghazla ta' Offerti:-

    1.1 FLC/Q/3/12 – Provision of Sound and Light– National Mechanised Ground Fireworks Festival
    1.2 FLC/Q/4/12 – Hiring of Crash Barriers– National Mechanised Ground Fireworks Festival
    1.3 FLC/T/2/12 – Exclusivity Catering Services – National Mechanised Ground Fireworks Festival
    1.4 FLC/T/3/12 - Service Tender for the Implementation of a Tourist Road Show (GARDMED)

2. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar Mekkanizzat
3. Jum il-Floriana
4. Xtieli
5. Proposta – Facilitajiet Sportivi tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

Ghal-Laqgha Straordinarja kien hemm prezenti l-Kunsilliera **Matthew Paris, Davina Sammut Hili, Vincent Borg u Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Is-Sur Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta'sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Kunsillier Vincent Borg li gie mitlub jippresiedi l-laqgha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 31 (3) ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali, liema talba giet offruta lill-Kunsillier Anthony Brincat ghall-fejqan ta'malajr.

Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jigi rregistrat fil-minuti li hu kien qed jassumi li l-laqgha straordinarja msejjha dakinhar kienet qed tigi msejjha skont il-ligi ladarba l-ewwel laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali kienet ghadha ma gietx iffinalizzata u ghalhekk kien ghadu ma giex elett Sindku. Huwa zied jghid li hu kien qed jitlaq mil-premessa li din il-laqgha kienet regolarizzata bil-ligi ladarba kienu ser jigu diskussi materji importanti u kienu ser jittiehdu decizjonijiet finali fuq offerti.

Il-Kunsillier Nigel Holland zied jipproponi li l-Kunsill jikteb u jitlob direzzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lil kull min hu kkoncernat sabiex il-Kunsill jinghata direzzjoni dwar kif ser jipprocedi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien diga talab direzzjoni kemm lid-Dipartiment kif ukoll lill-Ministru Carmelo Mifsud Bonnici izda ma kien ghadu inghata l-ebda risposta. Il-Kunsillier Nigel Holland sostna li kien hemm bzonn li l-Kunsill jerga' jikteb u jitlob li jinghata direzzjoni fi zmien stipulat minhabba li kien hemm bzonn li jigu mittiehda certu decizjonijiet importanti sabiex ma jigix ipperikolat il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat fost affarijiet ohra.

Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona wkoll li l-Kunsill ikellem lill-Avukat tieghu sabiex ikun jista' jitlob parir mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.**

## 1. <u>Ghazla ta' Offerti:-</u>

Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li fis-sejhiet ghall-offerti li johrog il-Kunsill fil-futur, ikun specifikat fejn jistghu isiru l-appelli mill-offerenti minhabba li dawn id-dettalji huma rekwiziti tal-ligi.

### 1.1 <u>FLC/Q/3/12 – Provision of Sound and Light – National Mechanised Ground Fireworks Festival</u>

1.1.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintaghzel l-offerta' ta' Amac Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-irhas offerta', u tissodisfa il-kriterji mitluba

**<u>Nota: 18:45 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

### 1.2 <u>FLC/Q/4/12 – Hiring of Crash Barriers– National Mechanised Ground Fireworks Festival</u>

**<u>Nota: 18:50 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

1.2.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintaghzel l-offerta' ta' MFCC fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-irhas offerta', u tissodisfa il-kriterji mitluba

1.2.2 Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona li jigu infurmati li l-Kunsill mhux ser jinzamm responsabbli minn serq jew telf ta' barriers.

**1.3 <u>FLC/T/2/12 – Exclusivity Catering Services – National Mechanised Ground Fireworks Festival</u>**

1.3.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintaghzel l-offerta' ta' Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta'.

1.3.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jigi infurmat biex jaghmel assikurazzjoni ghas-servizzi tieghu.

1.3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li fis-sejhiet ghall-offerti futuri li jinkludu esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb, il-Kunsill jinkludi fis-sejha offerta' minima dan sabiex ma jigux mitfugha offerti b'ammonti zghar u anke biex ma jkunx hemm abbuz. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**1.4 <u>FLC/T/3/12 - Service Tender for the Implementation of a Tourist Road Show (GARDMED)</u>**

1.4.1 Ic-Chairman is-Sur Vincent Borg talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettall x'kien jinkludi dan it-tender.

1.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li t-Tourist Expert tal-Progett Gardmed kellu jippjana itinerarju ta gonna bejn Malta u Sqallija u din kienet sejha ghall-offerti ghall-implimentazzjoni ta dan l-itinerarju. Hames Tour operators ewropej ser ikunu qed jippartecipaw f'din is-sezzjoni tal-progett.

**<u>Nota: 19:18 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat mill-kamra u mill-vot minhabba li membru familjari minn tieghu kien jahdem ma' wiehed mill-offerenti.</u>**

1.4.3 Il-Kunsillier Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex tintaghzel l-offerta' ta' HD Entertainment fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet tissodisfa r-rekwiziti kollha, u l-irhas offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: 19:21 Il-Kunsillier Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.</u>**

## 2. <u>Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar Mekkanizzat</u>

2.1 Ic-Chairman Vincent Borg talab lis-Segretarju Ezekuttib jispjega dwar kif kien ser jimxi l-process tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif kollox kien miexi sew izda kienu nqalghu zewg intoppi. Huwa kompla jghid kif il-kuntrattur li ssoltu jaghmel it-toqob ghall-irdieden kien informa

lill-Kunsill li l-magna kienet bil-hsara u ghalhekk kien hemm bzonn li jinsab kuntrattur iehor b'mod urgenti sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega wkoll li l-Kunsill ghadu jrid jiltaqa' mal-Pulizija u ma' Transport Malta sabiex jigu diskussi xi materji finali li jikkoncernaw il- Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsillier Matthew Paris offra li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, jattendi din il-laqgha li ser tinzamm nhar it-Tnejn 16 t'April 2012 fis-1.00pm.

2.4 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li ladarba kienu ghadhom ma gewx assenjati l-karigi lill-Kunsilliera, kien qed jinholoq intopp kull darba li jkun hemm bzonn tittiehed xi decizjoni. Huwa kompla jghid li fil-Kunsill ta' qabel kien hemm kunsillier li kien assenjat fuq din l-attivita' u din kienet tghin hafna fil-ko-ordinazzjoni u l-organizzazzjoni. Il-Kunsillier Matthew Paris offra li jiehu f'idejh ir-responsabbilta' tal-organizzazzjoni u l-armar tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 3. Jum il-Floriana

3.1 Ic-Chairman Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi nforma li Jum il-Floriana kien qorob sew u ghalhekk kien hemm bzonn li jittiehdu xi decizjonijiet finali.

3.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar is-sitt personaggi li ssoltu l-Kunsill jaghzel li jonora b'esebizzjoni tar-ritratti taghhom fi Triq il-Miratur, minhabba li ma jidhirx li kien hemm decizjoni finali fil-laqghat tal-Kunsill precedenti.

3.3 Il-Kunsillier Nigel Holland wiegeb li fil-laqgha tal-Kunsill precedenti, hu kien ippropona sitt personaggi li kienu ghamlu success fuq skala nazzjonali izda li l-Kunsill kien ghadu fic-cans li jipproponi xi personaggi ohra.

3.4 Wara li giet evalwata l-lista ta' personaggi proposti fil-laqgha tal-Kunsill precedenti, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li minflok Sir Hannibal Scicluna, din is-sena jigi onorat Antonio Agius.

3.5 Wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex jigi onorat Antonio Agius minflok Sir Hannibal Scicluna, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (DSH, VB)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 1 (MP)

3.6 Ghalhekk, il-Kunsill qabel li s-sitt personaggi li ghandhom jigu onorati din is-sena ghandhom ikunu dawn li gejjin: Paul Bonnett, Gerard James Borg, Ruggieru Friggieri, John Lopez, Antonio Agius u Henry Frendo.

**Nota: 19:45 Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

3.7 Ic-Chairman Vincent Borg talab lill-Kunsill biex tittiehed decizjoni fuq il-premjijiet li jinghataw mill-Kunsill b'mod annwali.

**Nota: 19:48 Il-Kunsillier Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

3.8 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Nigel Holland biex il-premju ufficjal tas-sena jinghata lis-Sur Dominic Pace, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot, bir-rizultat kien:-

Favur: 4 (NH, DS, VB, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.9 Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju Ufficjal tas-Sena ghandu jinghata lis-Sur Dominic Pace.

3.10 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili biex il-premju r-Resident tas-Sena « Premju Anthony Piscopo » jinghata lis-Sur Charles Saliba, issekondata mill-Kunsillier Nigel Holland, ittiehed vot. Il-Kun sillier Matthew Paris iddikjara li ma kienx ser jivvota minhabba kunflitt ta` interess. Ir-rizultat kien:-

Favur: 3 (DS, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

3.11 Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju r-Resident tas-Sena « Premju Anthony Piscopo » ghandu jinghata lis-Sur Charles Saliba.

3.12 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili biex il-premju ghall-kuragg « Qalb ta' Ljun » jinghata lis-Sur George Dalli, issekondata mill- Kunsillier Nigel Holland, ittiehed vot, bir-rizultat kien:-

Favur: 4 (DS, NH, VB, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.13 Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju ghall-kuragg « Qalb ta' Ljun » ghandu jinghata lis-Sur George Dalli.

3.14 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex il-premju taz-zghazagh « Mario Muscat » jinghata lil Luca Cauchi.

3.15 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex il-premju ghat-tfal « Trofew Marcelle Holland » jinghata lil Bradley Debono.

3.16 Ic-Chairman Vincent Borg informa li l-Kunsill irid itella' polza bejn iz-zewg ghaqdiet innominati. Wara li ttellghet polza bejn iz-zewg nominazzjonijiet, il-Kunsill qabel li l-ghaqda li ser tibbenefika din is-sena mill-badge day ghandha tkun il-Vilhena Band Club.

## 4. <u>Xtieli</u>

4.1 Ic-Chairman Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li ghalkemm il-Kunsill kien iddecieda li x-xtieli jittellghu bil-polza, kien ghad fadal hafna xtieli li kienu ghadhom ma ngabrux.

4.2 Ghaldaqstant, ic-Chairman Vincent Borg issuggerixxa li x-xtieli li kien fadal jitqassmu a bazi ta' *first come, first served*.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li xi whud minn dawn ix-xtieli johodhom il-Kunsill biex jinzerghu fil-planters u f'postijiet ohrajn izda l-Kunsill ma qabilx minhabba li dawn huma xtieli stagjonali u ghalhekk, ghandhom bzonn t'attenzjoni kontinwa.

4,4 Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandhom jitqassmu a bazi ta' *first come, first served* nhar il-Hamis bejn id-9.00am u 12.00pm.

## 5. <u>Proposta – Facilitajiet Sportivi tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V</u>

5.1 Ic-Chairman Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi ta rendikont lill-kunsilliera l-godda tal-proposta tal-facilitajiet sportivi tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Huwa zied jghid li l-Kunsill precedenti kien qabel fil-principju.

5,2 Il-Kunsillier Nigel Holland informa lill-Kunsill li skont l-ahhar laqgha, is-Sur Justin Haber flimkien mal-Avukat tieghu kellhom jiltaqghu mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jigi ffinalizzat il-kuntratt.

5.3 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika jekk dan il-kuntratt ikunx possibli legalment u jikkonsulta mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qabel ma jiffinalizza xi haga.

Il-laqgha ntemmet fit-8.35pm.

| | |
|---|---|
| Vincent Borg | Svetlick Flores |
| Chairman | Segretarju Ezekuttiv |